QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 17 TA’ MEJJU 2002

Avviz Nru:- 959/00DM

Andrew Psaila

vs

Matthew Borg

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur permezz ta’ liema talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti, occorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi rapprezentanti d-danni kagunati lill-attur b’ konsegwenza tal-kollizjoni li grat fil-5 ta’ Marzu, 2000 fl-Ex-Runway ta’ Hal Far, Birzebbugia bejn il-van Toyota numru ta’ registrazzjoni FBE 889 misjuqa mill-istess attur u l-karrozza Peugeot 106 numru ta’ registrazzjoni OBF 554 misjuqa mill-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni li l-istess kollizjoni grat minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

Bl-ispejjez inluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 31 ta’ Mejju 2000 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-ammont tad-danni huwa bejn hames mitt lira (Lm500) u sitt mitt lira (Lm600)

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 L-incident tat-traffiku li sehh fl-5 ta’ Marzu 2000 gewwa Hal Far bejn il-kontendenti, ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tal-attur li imhabba negligenza u imprudenza waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru FBE 889 habat mall-vettura tal-eccipjenti li dak il-hin kienet qed tinsaq regolarment u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2 Stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-konvenut, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta’ danni, liema danni, kif mitlub huma ezagerati, u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tat-22 ta’ Gunju 2001 fejn gie nominat l-avukat Dr Christopher Vella bhala Magistrat Supplenti u d-deposizzjoni tal-konvenut.

Semghet ix-xhieda prodotti;
Rat id-dokumenti esebiti;
Rat l-atti kollha tal-process; u
Ikkunsidrat:-

Illi l-kollizzjoni li grat bejn il-vettura misjuqa mill-attur u dik misjuqa mill-konvenut grat fl’ex runway ta’ Hal Far f’ B’Bugia meta z-zewg vetturi kienu qieghdin jinsaqu fl-istess direzzjoni.

Il-kollizzjoni bejn iz-zewg vetturi grat meta l-vettura misjuqa minn Matthew Borg kienet qed tissorpassa l-vettura misjuqa minn Andrew Psaila u waqt din il-manuvra ta’ sorpass dawn il-vetturi gew in kuntatt ma xulxin

L-attur Andrew Psaila jallega illi l-kollizzjoni grat ghaliex il-konvenut fil-waqt li kien qieghed jissorpassa l-vettura tieghu kien qieghed itellaq ma vettura ohra; illi dawn il-vetturi li kienu qed jissorpassawh f’daqqa sabu ruhhom f’diffikulta minhabba traffiku provenjenti mid-direzzjoni opposta, illi l-vettura l-ohra spostat

ruhha fuq il-vettura tal-konvenut li b'rizultat kellhu jisposta ruhhu fuq il-vettura tal-attur u habat maghha.

Min-naha l-ohra l-konvenut jsosstni illi huwa ghamel il-manuvra ta' sorpass b'mod regolamentari u kien l-attur illi bidel id-direzzjoni f'daqqa billi telaq it-traettorja li kien mixi fiha, dawwar lejn il-lemin biex jaqsam it-triq u saret il-kollizzjoni.

Biex jikkoraborah, il-konvenut ipproduca bhala xhud lil Etienne Buttigieg li allegatament kien is-sewwieq tal-vettura l-ohra li kienet qed ittellaq mall-vettura tal-konvenut. Dan Etienne Buttigieg stqarr li ra lill-attur idur fuq il-lemin meta kien qieghed jaqalghu l-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi dwar liema wahda minn dawn il-verzjonijiet hija l-iktar wahda attendibbli biex tkun tista tistabbilixxi r-responsabbilta'.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi, ghalkemm il-konvenut ma jiftakarx, kien involut ukoll fl-incident certu Wayne Caruana, illi kien, kif jirrizulta mill-accident report, qed isuq il-vettura bin-Numru CRX 190 illi giet milquta mill-hgieg u splinters li taru mill-vetturi involuti fil-kollizzjoni. Din kienet il-vettura illi kienet niezla mid-direzzjoni opposta kif jallega l-attur.

Ghalkemm dana Wayne Caruana ma giex prodott bhala xhud jirrizulta li definittivament kien ghadu prezenti fuq il-post tal-kollizzjoni meta gew l-ufficjali biex jinvestigaw il-kaz, almenu siegha wara li grat il-kollizzjoni. Dan il-fatt jistabilixxi memorja fjakka tal-konvenut li ma jiftakarx illi kien hemm din il-vettura implikata.

Il-prezenza ta' din il-vettura ghandha ukoll ir-relevanza taghha. Il-fatt li kienet giet milquta bil-hgieg u materjal iehor provenjenti mill-vetturi implikati fil-kollizzjoni, jindika li fil-mument illi l-konvenut kien qieghed jissorpassa lill-attur u meta saret il-habta kien hemm vicin fuq il-karreggjata l-ohra l-vettura ta' dan Wayne Caruana. Din il-vicinanza li kienet giet innotata mill-attur kienet jew kellha tkun bizzejjed

biex timpedixxi lill-istess attur milli jdur bruskament fuq il-lemin f'dak il-hin minhabba li din il-vettura kienet qed tuza l-karreggjata l-ohra.

Inoltre il-presenza ta din il-vettura giet senjalata biss fil-verzjoni tal-attur u r-rizultanzi anke dwar il-fatt li ntlaqtet isahhu l-verzjoni tal-attur.

Indizji ohrajn illi jsahhu t-tezi tal-attur u mhux dik tal-konvenut huwa l-fatt illi l-konvenut stess jammetti illi kien qieghed jissorpassa lill-attur bi speed eccessiv u illi din il-velocita' tirrizulta li kienet hafna iktar mill- 55 m.f.s (hamsa u hamsin mil fis-siegha ) illi jammetti l-konvenut billi, kif jirrizulta mill-iskecc, spiccat madwar (300 ') tlett mitt pied l-boghod mill-i 'spot of impact'.

Dawn l-indizji u cirkostanzi fil-fehma tal-Qorti huma bizzejjed biex jghatu kredibilita' biss lill verzjoni tal-attur u ghalhekk issib illi kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni, u ghalhekk irid jghamel tajjeb ghad-danni li gew ikkawzati lill-attur.

Mill-provi prodotti dwar id-danni tirrizulta ampjament il-hsara li sofret il-vettura tal-attur mis-survey report esibit a fol 14 tal-process u jirrizulta wkoll illi d-danni totali ammontaw ghal **Lm542.24** (hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmi) kif jirrizulta mill-ircevuti ufficjali u relattivi ghall-invoices ukoll esibiti.

Ghaldaqstant il-Qorti tillikwida d-danni totali li sofra l-attur fis-somma ghal **Lm542.24** (hames mija u tnejn u erbghin lira Maltin u ereba' u ghoxrin centezmi) u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas din is-somma lill-attur ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg Civ41